Parlament Ewropew
2014-2019

Dokument ta' sessjoni

B8-0641/2017 }
B8-0643/2017 }
B8-0644/2017 }
B8-0645/2017 }
B8-0646/2017 }
B8-0647/2017 } RC1

15.11.2017

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
ECR (B8-0641/2017)
Verts/ALE (B8-0643/2017)
GUE/NGL (B8-0644/2017)
S&D (B8-0645/2017)
ALDE (B8-0646/2017)
PPE (B8-0647/2017)

dwar Madagascar
(2017/2963(RSP))

Cristian Dan Preda, Tomáš Zdechovský, Pavel Svoboda, Lefteris Christoforou, Dubravka Šuica, Tunne Kelam, Eduard Kukan, Marijana Petir, Jarosław Wałęsa, Laima Liucija Andrikienė, Mairead McGuinness, David McAllister, Jaromír Štětina, Romana Tomc, Željana Zovko, Patricija Šulin, Giovanni La Via, Manolis Kefalogiannis, Maurice Ponga, Adam Szejnfeld, Joachim Zeller, Bogdan Brunon Wenta, Sandra Kalniete, Milan Zver, Roberta Metsola, Andrey Kovatchev, Lars Adaktusson, Seán Kelly, Deirdre Clune, Krzysztof Hetman, Michael Gahler, Inese Vaidere, Ivana Maletić
f'isem il-Grupp PPE

Elena Valenciano, Victor Boştinaru, Soraya Post, Boris Zala
f'isem il-Grupp S&D
Karol Karski, Ruža Tomašić, Charles Tannock, Jan Zahradil, Notis Marias, Jana Žitňanská, Ryszard Czarnecki, Angel Dzhambazki
f'isem il-Grupp ECR
Louis Michel, Javier Nart, Hilde Vautmans, Izaskun Bilbao Barandica, Nedzhmi Ali, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea, Dita Charanzová, Gérard Deprez, Martina Dlabajová, Fredrick Federley, Nathalie Griesbeck, Marian Harkin, Filiz Hyusmenova, Ivan Jakovčić, Ilhan Kyuchyuk, Patricia Lalonde, Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jozo Radoš, Frédérique Ries, Robert Rochefort, Jasenko Selimovic, Pavel Telička, Ivo Vajgl, Marietje Schaake, Johannes Cornelis van Baalen, Cecilia Wikström, Valentinas Mazuronis
f'isem il-Grupp ALDE
Miguel Urbán Crespo, Marie-Christine Vergiat, Merja Kyllönen, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou, Kostadinka Kuneva, Lola Sánchez Caldentey, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga
f'isem il-Grupp GUE/NGL
Jordi Solé, Maria Heubuch
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Rolandas Paksas, Piernicola Pedicini, Ignazio Corrao, Isabella Adinolfi

f'isem il-Grupp EFDD

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Madagascar
(2017/2963(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Madagascar, partikolarment dawk tas-7 ta' Mejju 2009[1], tal-11 ta' Frar 2010[2] u tad-9 ta' Ġunju 2011[3], u l-missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE f'Madagascar tal-10 u l-11 ta' Lulju 2010,

– wara li kkunsidra l-informazzjoni pprovduta mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) fit-2 ta' Novembru 2017 dwar it-tifqigħa riċenti tal-pesta,

– wara li kkunsidra l-Osservazzjonijiet Konklużivi tat-22 ta' Awwissu 2017 tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (ICCPR) dwar ir-raba' rapport perjodiku ta' Madagascar,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rapporteur Speċjali tan-NU John H. Knox ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni tal-missjoni tiegħu f'Madagascar,

– wara li kkunsidra s-Summit Straordinarju dwar Madagascar tat-20 ta' Mejju 2011 tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u l-pjan direzzjonali propost mit-tim ta' medjazzjoni tal-SADC wara t-tneħħija tas-sanzjonijiet kontra Madagascar mill-UE, l-Unjoni Afrikana u l-SADC,

– wara li kkunsidra r-Rapport tas-26 ta' April 2017 tar-Rapporteur Speċjali dwar il-kwistjoni tal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem relatati mat-tgawdija ta' ambjent sikur, nadif, san u sostenibbli, b'relazzjoni maż-żjara tiegħu f'Madagascar,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut,

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni ta' Madagascar,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-Libertà ta' Espressjoni Online u Offline,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), li l-Madagascar iffirma fl-1969 u rratifika fl-1971,

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id--Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza (ACDEG),

[1] ĠU C 212E, 5.8.2010, p. 111.
[2] ĠU C 341E, 16.12.2010, p. 72.
[3] ĠU C 380E, 11.12.2012, p. 129.

– wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

– wara li kkunsidra l-120 sessjoni tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem, li saret f'Ġinevra fl-10 u l-11 ta' Lulju 2017 u li matulha sar rieżami tar-raba' rapport perjodiku ta' Madagascar dwar l-implimentazzjoni tiegħu tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi wara perjodu ta' ħames snin ta' taqlib politiku li matulu d-donaturi ssospendew il-programmi ta' għajnuna għall-iżvilupp, f'Madagascar saru elezzjonijiet parlamentari kredibbli u demokratiċi f'Ottubru 2013 u elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2013, u dan wassal għall-ħatra ta' Hery Rajaonarimampianina bħala President; billi s-sitwazzjoni politika baqgħet volatili, minkejja li t-tkomplija tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi donaturi neħħiet ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-kooperazzjoni mal-gvern il-ġdid;

B. billi feġġ kodiċi dwar il-komunikazzjoni ġdid, li ġie kkritikat bl-aħrax mill-ġurnalisti ta' Madagascar peress li jirreferi għall-kodiċi penali fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar reati tal-istampa, bil-potenzjal li dan iwassal għall-kriminalizzazzjoni tal-professjoni; billi s-sitwazzjoni kkalmat iżda ma jidhirx li sejra fid-direzzjoni t-tajba;

C. billi, fil-prinċipju, is-sena d-dieħla għandha ssir elezzjoni presidenzjali, għalkemm s'issa ma ġietx stabbilita data fissa għaliha; billi l-President ta' Madagascar iddikjara lilu nnifsu favur riforma kostituzzjonali li tippermettilu jibqa' fil-poter matul il-perjodu elettorali u wera r-rieda li jgħawweġ l-emendi proposti għal-liġi elettorali mfassla mill-kummissjoni elettorali nazzjonali indipendenti, esperti, is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni; billi dawn id-dikjarazzjonijiet ġew ikkontestati mill-avversarji politiċi tiegħu u partijiet mis-soċjetà ċivili, li jinsabu mħassba li dan jaf ikun tentattiv biex jipposponi l-elezzjoni u jibqa' fil-poter lil hinn mill-mandat kostituzzjonali tiegħu; billi dan aktarx se jżid it-tensjonijiet f'kuntest politiku li diġà huwa fraġli;

D. billi fl-10 ta' Lulju 2017 id-Direttur Reġjonali għan-Nofsinhar tal-Afrika ta' Amnesty International iddikjara li r-rekord tad-drittijiet tal-bniedem ta' Madagascar qed jeħżien ħafna bħala riżultat ta' nuqqas sfaċċat ta' rispett tal-istat tad-dritt; billi aktar minn 50 % tal-priġunieri kollha qed jinżammu taħt priġunerija preventiva mingħajr proċess, u qed iseħħu każijiet ta' ksur bħal eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji mill-pulizija u priġunerija ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minħabba n-nuqqas ta' aċċess ħieles u ġust għall-ġustizzja;

E. billi Amnesty International iddokumentat ukoll rapporti dwar uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li qed ifittxu li jivvendikaw ruħhom wara l-inċidenti fejn il-folla ħadet il-liġi b'idejha; billi, fi Frar 2017, uffiċjali tal-pulizija allegatament ħarqu ħamest irħula f'Antsakabary wara li żewġ kollegi tagħhom allegatament inqatlu minn raħħala, u mara anzjana mietet kawża tal-ħruq waqt l-attakk peress li ma setgħetx taħrab; billi l-pulizija issa qed jinvestigaw dan l-attakk, minkejja li huma involuti fih;

F. billi l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem qed iħabbtu wiċċhom ma' intimidazzjoni u fastidju min-naħa tal-awtoritajiet f'tentattiv biex isikktuhom u

jostakolaw l-investigazzjonijiet tagħhom u l-ħidma tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem; billi, wara l-elezzjonijiet tal-2013, bosta stabbilimenti tal-midja ġew imġiegħla jagħlqu u ġew iċċensurati għal raġunijiet ta' "rispett tal-istat tad-dritt" u tal-ħtieġa assoluta ta' "tindif tax-xenarju awdjoviżiv" promoss mill-Ministeru tal-Komunikazzjoni;

G. billi, fl-2013, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) adottat pjan ta' azzjoni għal Madagascar li jirrikjedi li l-pajjiż isaħħaħ l-isforzi ta' infurzar tiegħu u jqiegħed embargo fuq l-esportazzjoni ta' kwalunkwe ħażna ta' injam; billi, minn dak iż-żmien 'l hawn, is-Segretarjat u l-Kumitat Permanenti tas-CITES stqarru ripetutament li Madagascar ma kkonformax mal-pjan ta' azzjoni; billi, skont is-Segretarjat tas-CITES, tipprevali impunità mifruxa fir-rigward tal-qtugħ illegali tas-siġar u l-ksur tal-liġijiet ambjentali; billi, min-naħa l-oħra, individwi li jopponu l-qtugħ illegali tas-siġar ġew ikkundannati mill-qrati, fejn jeżisti riskju serju ta' korruzzjoni;

H. billi Madagascar huwa wieħed mill-aktar postijiet ambjentalment eċċezzjonali tad-dinja, iżda huwa wkoll l-ifqar pajjiż bla kunflitti fid-dinja, fejn 92 % tal-popolazzjoni jgħixu b'inqas minn USD 2 kuljum, u huwa kklassifikat fil-154 pożizzjoni minn 188 pajjiż fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem;

I. billi t-traffikar illegali tal-injam u ta' speċijiet ta' annimali joħloq theddida sinifikanti għall-ambjent u l-bijodiversità ta' Madagascar, kif ukoll għad-drittijiet ambjentali tal-poplu ta' din il-ġżira; billi l-impatt ambjentali tal-industriji estrattivi u n-nuqqas ta' trasparenza fil-ġestjoni tagħhom spiss jagħmlu ħsara lill-komunitajiet lokali u lill-iżvilupp sostenibbli tagħhom; billi n-netwerks tat-traffikar għandhom rabtiet allegati mal-kriminalità organizzata, u dan jhedded il-governanza demokratika fil-pajjiż; billi skont ir-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, il-qtugħ illegali tas-siġar u t-traffikar tal-injam prezzjuż, u l-konċessjonijiet għat-tħaffir fil-minjieri, huma marbuta mill-qrib mal-vjolenza kontra l-popolazzjoni lokali;

J. billi l-attivist ambjentali Clovis Razafimalala, li ddenunzja t-traffikar u l-isfruttament illegali tal-injam tal-warda u ta' tipi oħrajn ta' injam, ilu detenut sa mis-16 ta' Settembru 2016 fuq akkużi foloz ta' ribelljoni, qerda ta' dokumenti u beni pubbliċi, u ħruq, minkejja n-nuqqas flagranti ta' provi; billi Raleva, difensur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent, safa arrestat fis-27 ta' Settembru 2017 fuq akkuża ta' "użu ta' titlu falz" huwa u jqajjem dubji dwar l-operazzjonijiet ta' kumpanija tat-tħaffir għad-deheb, wara li t-tħaffir kien ġie pprojbit minħabba d-degradazzjoni tal-ambjent; billi Raleva ngħata sentenza sospiża ta' sentejn priġunerija fis-26 ta' Ottubru 2017; billi Augustin Sarovy, direttur ta' NGO attiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-injam tal-warda, ġie mġiegħel jaħrab lejn l-Ewropa wara li rċieva theddid ta' mewt;

K. billi Fernand Cello, direttur ta' stazzjon radjofoniku magħruf għall-investigazzjonijiet tiegħu dwar suġġetti sensittivi bħalma huwa t-tħaffir illegali għaż-żaffir, kien suġġett ta' proċedura kriminali fuq akkużi ta' "falsifikazzjoni u użu ta' oġġetti ffalsifikati"; billi Reporters Sans Frontières (RSF – Reporters Mingħajr Fruntieri) iddenunzjat it-trattament aħrax tad-direttur ta' Radio Jupiter mill-awtoritajiet fir-reġjun abbażi ta'

allegazzjonijiet foloz imressqa minn persuni li kienu ġew implikati fl-investigazzjonijiet tiegħu;

L. billi l-arrest ta' Claudine Razaimamonjy fuq l-inizjattiva tal-Bianco (Bureau Indépendant Anti-Corruption – Bureau Independenti Kontra l-Korruzzjoni) għall-miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi f'diversi lokalitajiet saret affari statali, peress li hija alleata mill-qrib tal-Kap tal-Istat Hery Rajaonarimampianina, kif ukoll konsulenta tiegħu; billi qabel l-arrest tagħha l-ġendarmerija ressqet talba biex is-Sa Jacqueline Raharimanantsoa Saholiniaina, is-Sa Sylvie Randriantsara Linah u s-Sa Claudine Razaimamonjy jiġu sottoposti għal interrogazzjoni; billi, fil-fatt, jirriżulta li dawn it-tliet nisa huma l-istess persuna, Claudine Razaimamonjy, illi qatt ma wieġbet is-sejħa biex tiġi sottoposta għal interrogazzjoni;

M. billi l-"każ ta' Claudine" nissel kunflitt miftuħ bejn il-gvern u l-ġudikatura, peress li l-Ministru tal-Ġustizzja kien għamel personalment appell pubbliku biex Claudine Razaimamonjy tinħeles ħalli jevita li l-arrest preventiv tagħha jiġi estiż; billi l-union tal-maġistrati ddikjarat ruħha offiża bil-pożizzjoni adottata u bl-involviment dirett tal-gvern fil-każ, filwaqt li appellat għas-separazzjoni tas-setgħat u saħqet li din il-kwistjoni ma kellha l-ebda konnessjoni mal-politika; billi din is-sena l-maġistrati għamlu tliet strajkijiet biex jikkundannaw l-intimidazzjonijiet ripetuti u l-interferenzi tal-gvern fl-attivitajiet tagħhom u biex jaffermaw mill-ġdid l-indipendenza tagħhom;

N. billi Madagascar ilu suġġett għal epidemji ta' pesta kull sena sa mit-tmeninijiet, iżda l-aħħar tifqigħa, li bdiet f'Awwissu 2017, kienet partikolarment vjolenti u laqtet bliet kbar u żoni li mhumiex endemiċi; billi ġew irrappurtati aktar minn 1 800 każ ta' kontaminazzjoni u 127 każ ta' mewt; billi, skont id-WHO, in-natura mhux tas-soltu u t-tixrid rapidu tal-pesta din is-sena huma dovuti għal deterjorament fis-sistema tas-saħħa marbut mal-kriżi soċjopolitika li laqtet lill-pajjiż f'dawn l-aħħar snin; billi, skont l-istimi tad-WHO, għad hemm riskju għoli li t-tifqigħa tal-pesta potenzjalment tkompli tinfirex fil-livell nazzjonali;

O. billi l-predominanza tal-liġijiet konswetudinarji fil-pajjiż iffavoriet prattiki tradizzjonali dannużi, inklużi żwiġijiet irranġati, forzati u bikrija; billi n-nisa u l-bniet għadhom ibatu minn vjolenza sesswali jew fiżika oħra, filwaqt li r-rati ta' rapportar huma baxxi u l-proċeduri kriminali huma rari; billi l-abort għadu pprojbit fil-pajjiż bis-saħħa ta' liġi li tmur lura għall-1920; billi madwar għaxar nisa kuljum imutu huma u jwelldu; billi l-projbizzjoni tal-abort taf twassal għall-interruzzjoni klandestina u perikoluża tat-tqala minn nies li m'għandhomx kwalifiki mediċi;

1. Jilqa' l-istabbiliment mill-ġdid tal-istat tad-dritt bl-elezzjonijiet ta' Ottubru u Diċembru 2013; ifakkar lill-awtoritajiet ta' Madagascar, u l-ewwel u qabel kollox lill-President tal-pajjiż, fir-responsabbiltà tagħhom li jiddefendu u jħarsu d-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom madwar il-pajjiż kollu, inkluża l-prevenzjoni tal-abbużi u r-reati kollha, u li jeżerċitaw il-missjoni tagħhom li jiggvernaw b'rispett rigoruż tal-istat tad-dritt; iħeġġiġhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiggarantixxu l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini tagħhom, inkluża l-libertà ta' espressjoni;

2. Jittama li l-elezzjonijiet li ġejjin isiru f'ambjent paċifiku u seren ħalli jkunu demokratiċi

u trasparenti; jinsisti li l-ordni kostituzzjonali u l-istabbiltà politika jridu jiġu ppreservati u li d-djalogu u l-bini ta' kunsens fost il-parteċipanti politiċi kollha huma l-uniċi garanziji ta' elezzjonijiet f'waqthom u kredibbli fl-2018; jistieden lill-komunità internazzjonali tieħu l-passi kollha possibbli biex tiżgura proċess elettorali ġust u ħieles għall-elezzjonijiet presidenzjali tal-2018;

3. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-prevalenza ta' każijiet fejn il-folla tieħu l-liġi b'idejha u dwar l-involviment ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi f'każijiet ta' qtil extraġudizzjarju; jappella għal investigazzjoni indipendenti u imparzjali dwar il-ħruq ta' ħames irħula f'Antsakabary, li tkun tiggarantixxi s-sikurezza tal-vittmi minn kwalunkwe attakk ta' rappreżalja kemm-il darba jressqu provi rigward din il-kwistjoni; jistieden lill-awtoritajiet ta' Madagascar iwettqu sistematikament investigazzjonijiet imparzjali dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, iniedu proċeduri kriminali kontra l-awturi tar-reati u jiżguraw li l-familji tal-vittmi jirċievu kumpens adegwat;

4. Jistieden lill-awtoritajiet ta' Madagascar jirrispettaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mis-CITES, inkluż billi jsaħħu bil-kbir l-infurzar effettiv tal-liġijiet kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u t-traffikar illegali tal-injam;

5. Jilqa' r-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-Kodiċi dwar it-Tħaffir fil-Minjieri u jistieden lill-gvern jiżgura li l-kodiċi rivedut jissodisfa r-rekwiżiti internazzjonali, bħal valutazzjoni minn qabel u konsultazzjoni mal-biċċa l-kbira tal-persuni milquta, aċċess għal rimedji u minimizzazzjoni tal-ħsara lill-ambjent; jistieden lill-gvern biex jirrevedi l-permessi għat-tħaffir fil-minjieri maħruġa mill-gvern tranżitorju u biex jissospendi dawk il-permessi li mhumiex skont id-digriet MECIE;

6. Jiddenunzja d-detenzjoni arbitrarja ta' ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti ambjentali fuq il-bażi ta' akkużi vvintati; jappella biex il-fastidju u l-intimidazzjoni kontra tagħhom jintemmu b'mod definittiv, jiddiżapprova l-miżuri meħuda kontra l-midja qabel l-aħħar elezzjonijiet u jappella għar-restituzzjoni sħiħa tal-libertajiet individwali u kollettivi kollha; jistieden lill-Gvern ta' Madagascar jirrevoka l-elementi restrittivi fil-Kodiċi dwar il-Komunikazzjoni;

7. Jistieden lill-Gvern ta' Madagascar iħalli l-ġustizzja ssegwi l-kors normali u indipendenti tagħha fil-"każ ta' Claudine" u fil-każijiet kollha ta' korruzzjoni attiva u passiva; jinsisti li l-politika m'għandhiex tinterferixxi mal-ġudikatura u li l-Bianco għandu jitħalla jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu dwar il-korruzzjoni liberament; jinsisti fuq ir-rispett rigoruż tal-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat u jisħaq li l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura jridu jkunu ggarantiti f'kull ċirkostanza; jitlob li l-awtoritajiet ta' Madagascar jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-korruzzjoni u l-impunità fil-pajjiż u jiżguraw li l-każijiet kollha ta' korruzzjoni jitressqu quddiem il-ġustizzja;

8. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fl-attivitajiet ta' predikaturi barranin li qed iġiegħlu lid-dixxipli tagħhom jikkonvertu għal forma estremista tal-Iżlam;

9. Jisħaq li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom jinvestu fl-għoti ta' appoġġ u protezzjoni lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, bħala parteċipanti ewlenin fl-iżvilupp

sostenibbli, inkluż permezz ta' għotjiet urġenti bis-saħħa tal-fond ta' emerġenza tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu f'riskju;

10. Iħeġġeġ lill-kumpaniji transnazzjonali jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' diliġenza dovuta kif stabbilit fil-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem;

11. Jistieden lill-UE toqgħod attenta biex tiżgura li t-tħejjijiet għall-elezzjonijiet presidenzjali li ġejjin ikunu inklużivi, trasparenti u aċċettati minn kulħadd, inkluż permezz ta' pakkett ta' appoġġ ta' sentejn għall-arranġamenti elettorali;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, lill-Gvern ta' Madagascar, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika, kif ukoll lill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana.